**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 27 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru. 67/2015**

**Dorianne Polidano nee` D'Amato**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Dorianne Polidano nee` D'Amato** fis-16 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent ġiet notifikata b'ittra, datata 27, t'Ottubru 2015 indirizzata lilha fuq kunjom xbubitha, u indirizzata fl-indirizz matern, meta fl-ewwel lok tirrileva li ilha miżżewġa sentejn u d-dokumenti kollha tagħha jirriflettu dan il-fatt.*

*Illi skont l-istess Transport Malta fid-9 t'Ottubru 2015, għall-ħabta ta' 23:15 f'The Strand Sliema, Dorianne D'Amato kienet ikkommettiet att ta' ksur tar-regolament 42, tar-regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri. (L.S. 499.56)*

*Illi permezz ta' ittra datata 7 t'Ottubru, 2015 ir-rikorrenti kienet bgħatet ir-raġunijiet tagħha li jimmilitaw kontra dina l-akkuża.*

*Illi permezz ta' ittra datata 13 ta' Novembru 2013, riċevuta mir-rikorrenti fl-20 ta' Diċembru 2015, l-istess Awtorita' iddeċediet li ma taċċettax l-iskużanti offerti u imponiet multa ta' 500 euro u penali ta' 50 punt fuq Dorianne D'Amato.*

*Illi l-istess Awtorita' fir-risposta tagħha datata 13 ta' Novembru 2015, lanqas ma b'xi mod kella deċiżjoni raġonata, iżda sempliċement irreferriet li r-rapreżentazzjonijiet tar-rikorrenti ma ġewx milqugħa.*

*Illi l-appellanti taf b'dawn il-fatti personalment.*

***RAĠUNI GĦAT-TALBA***

*Illi r-rikorrent tħoss ruħha aggravata b'din id-deċiżjoni billi, prinċipalment l-awtorita' naqset li fl-ewwel lok tindirizza korrettement lir-rikorrenti.*

*Illi bla preġudizzju u subordinatament għas-su espost, r-rikorrenti tħoss ruħha aggravata b'din id-deċiżjoni billi, l-awtorita' naqset li tevalwa b'mod effettiv l-akkadut u ċ-ċirkostanzi relatati ta' dak li seħħ u dan kemm a tempo verġine, kif ukoll in segwitu meta saru r-rapreżentazzjonijiet tar-rikorrenti.*

*Illi l-awtorita`, permezz tal-ħaddiema tagħha naqset b'mod ċar u manifest li tiġbor ix-xhieda u l-verżjonijiet tal-persuni involuti b'mod li illum ir-rikorrenti ġiet notifikata ħażin kif ukoll hija sprovista mix-xhieda neċessarja sabiex tiddefendi ruħha mill-penalitajiet imposti.*

*Illi tant ma kienx hemm ksur ta' liġi li l-istess rikorrenti tħalliet tgħabbi lin-nies u tibqa sejra fuq ix-xogħol tagħha mingħajr ebda problemi ta' xejn.*

*Illi tali ċirkostanzi jimmilataw favur ir-rikorrenti b'mod ċar u manifest li b'hekk jidher ukoll ċar li l-Awtorita naqset milli teżerċita s-setgħat tagħha ta' deċiżjoni b'mod ekwu u imparzjalita, u tevalwa l-fatti kollha b'rispett lejn il-prinċipji ta' ġustizzja naturali.*

***TALBA***

*Illi r-rikorrenti għaldaqstant qiegħda titlob ir-revoka ta' tali deċiżjoni u penali imposti mill-Awtorita u dan bl-ispejjes kollha kontra l-amministrazzjoni pubblika."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fl-4 ta' Jannar 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi d-decizjoni raggunata mill-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tat-13 ta' Novembru 2015 ghandha tigi konfermata stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma.*

*Illi, in oltre, minn imkien mir-rikors tal-appell ma jirrizulta illi, f'xi waqt tul ir-rapprezentazzjonijiet, l-appellant, quddiem il-Bord, ma ressqet xi prova sodisfacenti li turi li l-uzu li sar mill-istage in kwistjoni huwa/kien sabiex jigbor persuni li ma kienux persuni pre-booked.*

*Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato che l-appellant jiddikjara li dawn huma klijenti li kienu pre-booked, isegwi li kellha d-dettalji taghhom ghal-liema raguni kien facilment ghaliha tindikahom bhala xhieda u ghalhekk il-fatt li m'ghandhiex tali dettalji juri bic-car illi dawn il-passiggieri gabrithom bi ksur sfaccat tar-Reg 42 tal-LS 499.56 u dan kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz."*

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda ta' EO 224 Clint Pulis, ta' EO 222 Ernest Mifsud u ta' EO 231 Glenn Cassar;

Ra l-affidavit tar-rikorrenti u ta' Larner Polidano;

Sema' x-xhieda in kontro-ezami tar-rikorrenti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 13 ta' Novembru 2015 li permezz taghha giet mgharrfa illi kkommettiet ksur tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri u giet penalizzata b'multa ta' hames mitt ewro (€500) u penali ta' hamsin (50) punt.

Illi jirrizulta illi l-allegata kontravvenzjoni mwettqa hija dik a tenur tar-Regolament 42 tal-Legislazzjoni 499.56 (Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri) u cioe`:-

*"**42.** (1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha -*
*(a) tbiegħ, jew*
*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*
*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

Illi m'hemmx kontestazzjoni illi l-vettura li kienet qieghdha ssuq ir-rikorrent taqa' fid-definizzjoni ta' "vettura ghall-garr ta' passiggieri." L-intenzjoni tal-Legislatur wara dan il-provvediment appena citat kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m'ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b'avviz minn qabel. Hekk perezempju ma

jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x'imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista' jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella *online,* permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi mix-xhieda ta' EO224 Clint Pulis, fuq mistoqsija tat-Tribunal, jirrizulta li ma sar l-ebda kliem bejn ir-rikorrenti u l-passiggieri li telghu fil-van misjuq minnha. Anzi jghid illi malli waqfet il-van il-passiggieri bdew telghin. L-istess xhud spjega illi waqt l-ispezzjoni ir-rikorrenti kienet qaltilhom li dawk il-passiggieri kienu bbukjati minn qabel. Iktar minn hekk, EO 224 spjega **illi mhux ir-rikorrenti kienet qed issuq** izda hadu d-dettalji taghha ghax il-van kien registrat fuq isimha u dan semplicement ghax qaltilhom li l-van kien taghha. EO 231 Glenn Cassar jghid illi meta mar hdejn il-van in kwistjoni huwa staqsa lill-passiggieri jekk kinux *pre-booked* izda hadd ma kellmu pero` jghid li jahseb li kien hemm cirka sitt passiggieri.

Illi dan it-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax dwar il-mod dilettantesk li saret bih din l-ispezzjoni. Mix-xhieda tal-ufficjal tal-infurzar Clint Pulis jirrizulta illi kienu erbgha ufficjali, bi tlieta minnhom jinzlu mill-vettura taghhom u jmorru hdejn il-van tar-rikorrenti. Skond kif spjegaw, wiehed minnhom staqsa lill-passiggieri jekk kinux *pre-booked* u ma rcieva l-ebda risposta, u t-tnejn l-ohra hadu d-dettalji tax-xufier u qalulha li ma tistghax taghmel dak ix-xoghol, cioe` tghabbi minn fuq *stage*. Pero` mbaghad fuq mistoqsija tat-Tribunal, Clint Pulis stqarr illi mhux ir-rikorrenti kienet qed issuq izda ragel iehor u mistoqsi mit-Tribunal fuq min kien registrat il-van huwa wiegeb li fuq ir-rikorrenti. Pero` ma jirrizultax illi l-ufficjali hadu d-dettalji ta' dan ir-ragel li kien qed isuq il-van u lanqas ma ccekkjaw id-dettalji ta' sid il-van li jkun suppost imwahhlin fl-istess van. Ir-rikorrent xehdet min-naha l-ohra li kienet hi li kienet qed issuq il-van fil-mument meta saret l-ispezzjoni.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa rinfaccjat b'balbuljata ta' provi ghaliex filwaqt li l-ufficjali tal-Awtorita` intimata qeghdin jghidu li s-sewwieq kien ragel, izda hargu c-citazzjoni fuq ir-rikorrent ghax ghalqu ghajn wahda, ir-rikorrenti xehdet li kienet qed issuq hi. Illi t-Tribunal ma jistghax jifhem ghala l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ladarba kienu qed jaghmlu xogholhom ghalqu ghajn wahda la xorta skond huma sabu infrazzjoni tal-ligi u rraportaw il-kaz lis-superjuri taghhom tant li inharget id-decizjoni in kontestazzjoni. Dan hu ghal kollox inkompresibbli.

Illi, pero`, lil hinn minn din il-konfuzjoni kollha, it-Tribunal josserva illi biex ir-rikorrent tinstab li kisret ir-Regolament citat mill-Awtorita` intimata fid-decizjoni taghha tat-13 ta' Novembru 2015, u cioe` Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri ried jigi stabbilit illi r-

rikorrenti kienet in kontravvenzjoni ta' xi wahda mill-istanzi msemmija fl-istess Regolament. Issa, milli fehem it-Tribunal, l-infrazzjoni riskontrata mill-Awtorita` intimata kienet dik illi r-rikorrenti ghabbiet lin-nies minn fuq *bus stop*.

Illi l-fatt wahdu li l-imsemmija persuni tghabbew minn fuq *stage* tal-karozzi tal-linja ma jammontax ghall-ksur ravvizat f'Regolament 42 fuq citat. L-agir li jmur kontra l-istess Regolament imsemmi fil-paragrafu precedenti huwa ben spjegat fl-istess paragrafu. Minn dak li sema' it-Tribunal, l-ebda ufficjal tal-Awtorita` intimata li dak il-hin kien fuq il-post ma rriavviza xi cirkostanza minn dak previst fl-istess Regolament. L-unika cirkostanza li rravvizaw kienu li r-rikorrent waqfet fuq bus stop, telghu xi nies fil-van u li hadd minnhom ma qalilhom jekk kinux *pre-booked* jew le. Madankollu huwa pacifiku li l-istess ufficjali rawhom telghin malli l-van tar-rikorrenti waqaf hdejhom. Ghalhekk it-Tribunal ghandu ghaliex jifhem li dawn kienu qed jistennew dan il-van in partikolari stante li ma sar ebda diskors bejn ir-rikorrenti u l-istess persuni. Kieku veru dawn in-nies ma kinux *pre-booked* ma kinux se jaqbdu u jitilghu fil-van minghajr ma jiftehmu d-destinazzjoni u l-prezz, haga li zgur li l-ufficjali tal-Awtorita` setghu kieku jikkonstataw stante li malli waqaf il-van huma nizlu tempestivament mill-vettura taghhom u resqu lejn il-van in kwistjoni. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li dan kollu jimmilita favur l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti, jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata u konsegwentement jannulla d-decizjoni tal-istess Awtorita` datata 13 ta' Novembru 2015.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**